# 52. Tliet Demgħat

In-Niket ra lil qalbi u nnamra minnha
u ġie jgħix magħha qalb id-dlam u s-skiet,
u kull fl-għaxija ġewwa l-ġuf ta’ għajni
inisslu tliet demgħat bħal tliet ulied:

Tal-ewwel tibqa’ f’għajni u tħammarhieli,
tat-tieni tinxef f’wiċċi bi ftit ħruq:
it-tielet demgħa ġġelben ma’ ħaddejja,
u tieqaf bi ftit melħ f’fommi mitbuq.

U wara dan il-ħlas, bħal omm ħanina,
qalbi tistrieħ għal ftit u torqod ġwejda,
bħal donnha tifraħ illi n-Niket tagħha
tfisser fi tliet ulied u tieħu fejda.